il-frak mal-loqom li jissemmew fl-Evanġelu, fil-miraklu tat-tkattir tal-ħobż, meta Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu, "Iġbru l-bċejjeċ li fadal biex xejn ma jinħela ." (Ġw 6,12)."

Borg għalhekk mhux qed jinqeda permezz ta' dan il-ktejjeb biex jurina l-ħiliet poetiċi tiegħu; dawk nafuhom. Hawnhekk irid jilħaq lil poplu, kemm jekk hu midħla tal-letteratura u kemm jekk le, permezz ta' bosta taqbiliet li nistgħu niggustaw, indaħħlu ġo moħħna u bl-għan aħħari li ngħixuhom ukoll. Fl-istess ħin iżda, dan ma jnaqqas xejn mis-sengħa tal-kitba ta' dan l-awtur, u nifhem li jħoss din is-sejħa kważi bħala dmir li jwassal peremzz ta' kitbietu messaġġ pożittiv. Fuq kollox qed iwassal ħafna u ħafna imħabba.

Fil-bidu jgħidlna:

"Ħalli `l qalbek kollha ħrara
tfittex dawl biex tista' tara" (8).

Il-kitba tiegħu saħansitra f'dan il-ktieb, li hi intenzjonata għal popolin, imma fiha nistgħu nintebħu bl-esperjenza profonda ta' dan l-awtur mhux biss tal-kitba imma anke dik spiritwali u hija din li jrid jaqsam mal-qarrejja. L-awtur għandu ħafna x'jaqsam magħna.

Ngħidu aħna, "Uċuħ l-imwiet:
eħmed mill-ħemda,
isket mis-skiet" (p.31).

Fit-tieni parti tal-ktieb imbagħad naraw li ma nistgħux iżżomm il-pożittività jekk ma nagħrfux li fil-ħajja hemm in-negattiv ukoll. Għaldaqstant irridu nkunu mhejjijin. Dan għal Borg ispirat mit-tagħlim nisrani fejn mhux biss qed jagħraf il-ħtieġa tat-thejjija imma wkoll tal-qdusija u għaldaqstant li jitħares minn kull deni hija l-prijorità. F'indirizz lil Alla jgħid

"f'idejk, Mulej, jekk trid tgħakkisni
'mma biss nitolbok li tħarisni
Mill-ħażen ta madwari li jniġġisni" (89).

Huwa jfittex skop għal ħajtu, anzi dak li jwasslu biex isib il-ferħ qed jistieden lilna l-qarrejja biex nimxu fl-istess triq:

"Irrid toroq mhux sqaqien
Li ma jwasslu għal imkien" (93).

Fit-tielet part donnu jidħol ftit aktar fil-fond tal-konsegwenzi jekk ma nfittxux dak li jġibilna s-serenità, l-paċi f'qalbna u fuq kollox li ngħixu f'armonija mal-Ħallieq u mal-bniedmin kollha.

"Għaliex m'għandiex infittxu
xi jdawwalna?
Tgħid nafu dan id-dlam
fejn se jwassalna?" (108).

U propju din l-imħabba jrid jestendih wkoll għall-proxxmu tiegħu għaliex wara kollox aħna qed ngħixu f'dinja waħda:

"Agħżel sewwa bejn it-tajjeb
u l-ħażin
Biex mal-proxxmu kollu tiegħek
tkun ħanin" (223).

Il-ħajja hija sfida, u t-twemmin ma jistax ikun mrawwem sewwa jekk mhux bl-għarfien u bit-tagħlim. Mhux biss il-prattika spiritwali jaf tiġi mnawra u tkun waħda superfiċjali imma ma nkunux sodi biżżejjed biex nifhmu u nanalizzaw b'mod kritiku kurrenti differnti ta' ħsieb speċjalment dawk li mhux ispirati mis-sewwa. Borġ bħala membru tas-soċjeta tal-MUSEUM huwa kwoll mogħni bit-tagħlim, u jemmen bi sħiħ f'dan.

"Hemm min lilna
ross bil-labra jrid jitmagħna
Iżda dan ma jdumx ma jifhem
li mhuwiex se jlaħħaq magħna" (268).

Nagħlaq bil-ħsieb li l-poeta jagħlaq bih fil-kopertina:

"Bi 300 ħsieb mill-miżieb,
il-moħħ jiddawwal
u l-qalb timtela b'tama ġdida."




Ħadd In-Nies ta' Karmenu Mallia: Kitba ta' Isabel Mallia.

Karmenu Mallia, wara dawk ir-rumanzi li ġa kiteb, issa ħareġ b'ieħor bi stil ġdid, li hu laqqam bħala "Rumanz soċjali."

Ma ngħidx li dan mhux storiku, għax iqarribna sew lejn biċċa mill-Istorja ta' Ħaż-Żabbar, imma daqshekk. Dar-rumanz jeħodna f'atmosfera ta' festa fejn 'il Ħaż-Żabbar insibuh għaddej minn avventuri fejn jidħlu l-Isqof, l-Arċipriet, is-Sindku, il-viċi-Sindku (it-tfajla tiegħu). Jissemmew ħafna r-Reverendi Patrijiet Kapuċċini tal-Kalkara flimkien ma' Patri minnhom li jiddelitta bil-maġija li jużaha biex iferraħ u jgħallem.

Imma l-poplu moħħu fuq żewġ offerti li għamillu l-Isqof tiegħu għall-parroċċa. L-Għawdxin ma naqsux lanqas, irrappreżentati minn għalliema tal-Franċiż li ġiet biex iżżur 'il Ħaż-Żabbar u qatgħet sandar. Ma naqsux li jidħlu fil-qofol ta' din l-istorja s-sagristan li kien iħobb ħafna l-pastizzi, bħalma kien iħobbhom ukoll l-Isqof, u daqsxejn ta' kelb li jgħaġġbek kemm kien iħobb lil sidu.

Dawn il-karattri, u oħrajn aktar żgħażagħ, fosthom it-tewmin ulied is-Sindku, li għalkemm żgħar kienu jafu jgħannu mhux ħażin. Dawn kollha jidħlu jitbandlu f'dar-rakkont f'dar-raħal fit-tarf tal-Lvant ta' Malta fejn hemm min jaħsbu bħala raħal li baqa' lura, maqtugħ mill-bqija ta' Malta, imma fl-aħħar mill-aħħar m'għandu xejn anqas mill-irħula l-oħra ta' Malta.

Dan hu rumanz fejn l-awtur, li nzerta hu n-nannu tiegħi, ried jgħolli lil Ħaż-Żabbar, fejn twelidt jien ukoll, li laqgħu fi ħdanu bħalma jistqarr hu fl-ewwel paġni tar-rumanz, raħal fejn l-aħħar Gran Mastru ta' Malta, il-Gran Mastru Hompesch, kien hekk jiftaħar bih li tah ismu, l-aħħar rigal li qatt Gran Mastru ħalla warajh quddiem ix-xenarju kolossali tal-miġja ta' Napuljun fosna.

In-nannu Karm għad għandu jdejh sodi fejn tidħol il-kitba bil-Malti - barra b'lingwi oħra, fosthom bl-Esperanto -- kemm fejn tidħol il-poeżija kif ukoll fejn jidħlu r-rumanzi u kitbiet oħra.

Il-Malti sabiħ u mexxej tar-rumanz ma jdejqikx. Imma forsi b'dar-rumanz tiegħu in-nannu jrid jgħidilna xi ħaġa. Forsi jaħseb li kitbietu qed tmajna? Ma nafx.

La staqsejtu lanqas se nistaqsih. Imma jien żgur li għad baqagħlu x'jagħtina l-aktar lil-letteratura Maltija kemm fejn tidħol il-poeżija kif ukoll fejn jidħlu r-rumanzi u kitbiet oħra. Nittamaw.

F'kelma waħda, dar-rumanz għandu żgur jogħġob l-aktar liż-Żabbarin fejn tinħadem din l-istorja immaġinarja, għalkemm għandha mill-Istorja wkoll.

Min jixtieq jakkwista kopja ta' dar-rumanz, jista' jibgħat imejl lill-awur f'dan l-indirizz: carmelmallia23@gmail.com.